



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/2024(INI)

14.9.2011

EMENDI

1 - 64

Abbozz ta' opinjon
Mario Pirillo
(PE469.698v01-00)

L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE dwar il-Kwalifiki Professjonali
(2011/2024(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Elena Oana Antonescu

Abbozz ta' opinjoni
Premessa B a (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

Ba. Jisħaq dwar il-ħtieġa li s-sistema kurrenti ta' rikonoxximent awtomatiku tqis ukoll jekk il-professjonista jkunx permess jew projbit lilu li jeżerċita fl-Istat Membru tal-orġini

Or. en

Emenda 2
Andreas Mölzer

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa ***huwa*** stmat mal-miljun professjonista ***u*** jeħtieġ tizzdied il-mobilità, anki ta' min hu sottopost għal rikonoxximent awtomatiku,

C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa ***se jkun*** stmat mal-miljun professjonista ***sal-2020 u filwaqt li min-naħa tal-ħaddiema*** jeħtieġ tizzdied il-mobilità ***l-ewwel fil-pajjiżi, minħabba l-fatt tal-qgħad kbir, u mbagħad*** anki ta' min hu sottopost għal rikonoxximent awtomatiku,

Or. de

Emenda 3
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa huwa stmat mal-miljun professjonista **u** jeħtieġ ***tiżdied il-mobilità, anki ta' min hu sottopost għal rikonoxximent awtomatiku,***

Emenda

C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa huwa stmat mal-miljun professjonista; jeħtieġ ***li r-rikonoxximent tal-kwalifiki jkun malajr u effiċjenti ħalli jiffaċilita l-mobilità tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa;***

Or. en

Emenda 4
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ***ħaddiema*** fil-qasam tas-saħħa ***huwa*** stmat ***mal-miljun professjonista*** u jeħtieġ tiżdied il-mobilità, anki ta' min hu sottopost għal rikonoxximent awtomatiku,

Emenda

C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ***professjonisti*** fil-qasam tas-saħħa, ***inklużi t-tobba, infermieri, dentisti, spiżjara, fiżjoterapewti u persunal paramediku ieħor, sal-2020*** stmat ***li se jammonta għal miljun*** u jeħtieġ tiżdied il-mobilità, anki ta' min hu sottopost għal rikonoxximent awtomatiku

Or. en

Emenda 5
Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C a (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

C a. Billi l-moviment liberu tal-persuni fl-UE u l-jedd għar-rikonoxximent tal-meritu u tal-ħiliet professjonali, jistgħu jeżistu biss meta x-xkiel inviżibbli ta' bħalissa jiġi limitat u meta jgħibu xi

Emenda

*regoli nazzjoni li l-lum ixekklju b'mod
sproporzjonati l-użu tal-jedd għal impjiegi
kwalifikati*

Or. en

Emenda 6
Antonya Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C b (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

***C b. Billi d-Direttiva dwar l-applikazzjoni
tal-jeddijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa
bejn il-fruntieri tirrikjedi li l-Istati
Membri tat-trattament jiżguraw li l-
informazzjoni dwar il-jedd għall-
eżerċizzju tal-professjonisti tas-saħħa
elenkati fir-reġistri nazzjonali jew lokali,
stabbiliti fit-territorju tagħhom, tkun
disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati
Membri l-oħrajn, bi skambju ta'
informazzjoni permezz tas-sistema tal-
Informazzjoni tas-Suq Intern;***

Or. en

Emenda 7
Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C c (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

***C c. Billi waħda mir-raġunijiet ewlenin
għad-diffikultajiet fir-rikonossiment tat-
titoli akkademiċi jew kwalifiki
professjonali hija n-nuqqas ta' fiduċja fil-
kriterji tal-akkreditament u ċ-ċertifikati
akkademiċi tal-pajjiż tal-orìġini u huwa
għalhekk urġenti li jittieħdu miżuri għar-***

rikonoxximent awtomatiku bit-tneħħija tal-ostakli nazzjonali formali għar-rikonoxximent u tal-preġudizzji.

Or. en

Emenda 8
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C d (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

C d. Billi l-mobilità tal-professjonisti fis-settur tas-saħħa għandha tqis ukoll il-ħtieġa għal forza lavorattiva globalment sostenibbli f'dak is-settur u s-sostenibilità tas-sistemi nazzjonali ta' kura tas-saħħa

Or. en

Emenda 9
Andreas Mölzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji ***l-aktar reċenti*** u l-introduzzjoni ta' karta professjonali;

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji ***effiċjenti u moderni*** u l-introduzzjoni ta' karta professjonali;

Or. de

Emenda 10
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejjba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u ***l-introduzzjoni*** ta' ***karta*** professjonali;

Emenda

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejjba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u ***l-eżami*** ta' ***opzjonijiet differenti ta' spezzjoni u traċċabilità bħalma hija l-karta*** professjonali;

Or. en

Emenda 11
Elena Oana Antonescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejjba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u l-introduzzjoni ta' karta professjonali;

Emenda

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejjba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u l-introduzzjoni ta' karta professjonali ***li għandu jkun fiha tagħrif mogħti b'reqqa ħalli titjeb it-trasparenza bejn l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 12
Antonia Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejjba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-

Emenda

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejjba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-

teknoloġiji l-aktar *reċenti* u *l-introduzzjoni ta' karta professjonali*;

teknoloġiji l-aktar *aġġornati* u *xierqa għall-faċilizzazzjoni tal-proċess ta' rikonoxximent*;

Or. en

Emenda 13
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejbja, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u l-introduzzjoni ta' karta professjonali;

Emenda

1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi modernizzata u mtejbja, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u l-introduzzjoni ta' karta professjonali ***fuq bażi volontarja, imma b'mod vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti***;

Or. it

Emenda 14
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

1a. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi, qabel ma ddaħħal il-karta professjonali, valutazzjoni approfondita tal-impatt, analiżi kosti/benefiċċji u riċerka dwar l-informazzjoni (standard fl-Istati Membri kollha) li tinħażen fil-karta, u li tiddelinea liema data personali se tiġi protetta;

Or. it

Emenda 15
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 b. Jissottolinja l-bosta preokkupazzjonijiet imqanqlin fil-konsultazzjoni pubblika dwar il-karta professjonali; huwa tal-fehma li l-introduzzjoni ta' kull karta professjonali għandha tkun volontarja kemm għall-professjonisti kemm għall-awtoritajiet kompetenti, għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt u analiżi tal-kost/benefiċċju, u tiżgura li jkun hemm biżżejjed salvagwardji ta' sigurtà u affidabilità qabel ma ssir l-implementazzjoni prospettata;

Or. en

Emenda 16
Elena Oana Antonescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 c. Jisħaq dwar il-ħtieġa li t-traspożizzjoni u l-implementazzjoni tad-direttiva jkunu konkużi fl-Istati Membri kollha. Jisħaq ukoll dwar il-ħtieġa tal-adattament għall-bidliet u l-flessibilità fit-traspożizzjoni.

Or. en

Emenda 17
Antonyia Parvanova

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 d (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 d. Jinnota s-suġġeriment fil-Green Paper li tiddaħħal karta professjonali Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li żżid il-valur mal-proċess ta' rikonoxximent u li tkun żgura, aġġornata u li tagħmilha impossibbli li jkun hemm frodi, l-aktar billi ssir valutazzjoni approfondita tal-impatt

Or. en

**Emenda 18
Antonya Parvanova**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 e (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 e. Huwa tal-fehma li r-rikonoxximent u r-reġistrazzjoni tal-professjonisti, l-aktar fis-settur tas-saħħa, għandhom jiggerantixxu s-sigurtà tal-pazjenti u l-konsumaturi; jistaqsi jekk il-karta għandhiex tkun l-għajn waħdanija ta' tagħrif li fuqha tissejjes deċiżjoni ta' rikonoxximent, l-aktar għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa;

Or. en

**Emenda 19
Antonya Parvanova**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 f (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 f. Jinnota li s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) ġa tagħti għodda affidabbli għall-iskambju sikur tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti; iqis li użu aktar komprensiv tal-IMI jiffaċilita aktar il-proċess ta' rikonoxximent u jagħti alternattiva effettiva kwantu għall-kost;

Or. en

Emenda 20

Marina Yannakoudakis

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

2. Huwa favorevoli għat-tnedija mill-ġdid tal-pjattaformi komuni li jippermettu rikonoxximent aktar rapidu tal-kwalifiki bejn il-pajjiżi msieħba fil-pjattaforma u ***japprezza t-tnaqqis possibbli għal terz tal-Pajjiżi Membri;***

Emenda

2. Huwa favorevoli għat-tnedija mill-ġdid tal-pjattaformi komuni li jippermettu rikonoxximent aktar rapidu tal-kwalifiki bejn il-pajjiżi msieħba fil-pjattaforma u ***jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-proposta li tirriduċi s-soll tal-Istati Membri rikjest għalbiex titwaqqaf pjattaforma komuni, minn żewġ terzi għal terz;***

Or. en

Emenda 21

Mario Pirillo

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

2. Huwa favorevoli għat-tnedija mill-ġdid tal-pjattaformi komuni li jippermettu rikonoxximent aktar rapidu tal-kwalifiki

Emenda

2. Huwa favorevoli għat-tnedija mill-ġdid tal-pjattaformi komuni li jippermettu rikonoxximent aktar rapidu tal-kwalifiki

bejn il-pajjiżi msieħba fil-pjattaforma u japprezza t-tnaqqis possibbli għal terz tal-Pajjiżi Membri;

bejn il-pajjiżi msieħba fil-pjattaforma u japprezza t-tnaqqis possibbli għal terz tal-Istati Membri, ***b'oħrajn li jkunu jistgħu jissieħbu aktar 'il quddiem; jistieden lill-Kummissjoni, b'danakollu, tivvaluta b'attenzjoni, qabel ma tagħti sura ġdida lill-pjattaformi, il-possibilità tal-introduzzjoni ta' sistema ta' 28%;***

Or. it

Emenda 22
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jawspika li t-titoli akkademiċi li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku jkunu kkomunikati minnufih lill-Istati Membri;

Emenda

3. Jawspika li t-titoli akkademiċi li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku jkunu kkomunikati minnufih lill-Istati Membri ***u lill-awtoritajiet kompetenti;***

Or. en

Emenda 23
Rovana Plumb

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal linjigwida għall-aqwa prattiki fil-gasam tat-taħriġ professjonali;

Or. ro

Emenda 24
Linda McAvan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3 b. Jisħaq li s-sikurezza tal-pazjent għandha tkun il-prinċipju gwida fid-dispożizzjonijiet kollha dwar il-moviment liberu tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 25
Elena Oana Antonescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3c. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tkun żviluppata forza lavorattiva sostenibbli fil-qasam tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, billi jiġfasslu politiki għar-reklutaġġ u r-ritenzjoni tal-persunal għas-sistemi tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru u l-edukazzjoni matul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll bit-tqegħid tal-enfasi fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. ro

Emenda 26
Linda McAvan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. **Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert**, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, **ikun estiż anki** għall-professjonijiet **fil-qasam tas-saħħa**;

Emenda

4. **Jitlob li jkun hemm mekkaniżmu ta' allerta aktar robust minn dak** previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi **mdaħħal apposta** għall-professjonijiet **tal-kura tas-saħħa**; **iqis li l-Istat Membru tad-domiċilju għandu jkun rikjest minnu li jallerta proattivament lill-Istati Membri l-oħrajn kollha meta l-jedd ta' professjonista tal-kura tas-saħħa li jeżerċita jkun ristrett**;

Or. en

Emenda 27
Antonya Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. **Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert**, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, **ikun estiż anki** għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa;

Emenda

4. **Iħeġġeġ lill-Kummissjoni testendi l-mekkaniżmu ta' allert**, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa **biex tkun żgurata s-sikurezza tal-pazjenti**; **dan il-mekkaniżmu għandu jkun appoġġjat minn dover li l-awtoritajiet nazzjonali jiskambjaw l-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni u d-dixxiplina marbuta mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa**;

Or. en

Emenda 28
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa;

Emenda

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ***proattiv*** ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa ***u jkun inkorporat fis-sistema tal-Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)***;

Or. en

Emenda 29
Rolandas Paksas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa;

Emenda

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa; ***jitlob li l-Istati Membri jkun rikjest minnhom – minkejja dak li jingħad fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data personali u l-jedd għal rimedju effettiv - joħorġu allerta lill-Istati Membri l-oħrajn kollha hekk malli professjonista tal-kura tas-saħħa li jiċċaqlaq minn pajjiż għall-ieħor jitlef jeddu li jeżerċita minħabba sanzjonijiet fi kwalunkwe Stat Membru***;

Or. lt

Emenda 30
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa;

Emenda

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, **li jippermetti l-għoti ta' tagħrif f'waqtu lill-Istati Membri dwar kull miżura ta' dixxiplina, inklużi s-sospensjonijiet, imposti fuq professjonista tal-kura tas-saħħa, permezz tal-użu tas-sistema IMI;**

Or. it

Emenda 31
Françoise Grossetête

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa;

Emenda

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa **ħalli tkun iggarantita s-sikurezza tal-pazjenti;**

Or. fr

Emenda 32
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4 a. Huwa favur tal-iżvilupp u t-tisħiħ tas-sistema IMI eżistenti kif hemm dispot fid-Direttiva dwar is-Servizzi, ħalli tkun koperta wkoll il-professjoni tal-kura tas-saħħa u għall-inklużjoni ta' mekkaniżmu

proattiv ta' allerta li jagħti l-allerta lill-awtoritajiet kompetenti dwar sanzjonijiet dixxiplinari preċedenti u xiljiet ta' eżerċizzju ħażin;

Or. en

Emenda 33
Rolandas Paksas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4b. Iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-mobilità tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa b'mod aktar effikaċi billi jsaħħu l-politika tal-impjiegi b'mod ġenerali u billi jiżviluppaw aktar il-makkinarju għall-ippjanar tar-rekwiżiti tax-xogħol;

Or. lt

Emenda 34
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4c. Iqis li s-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tista' tippermetti kooperazzjoni aktar b'ħeffa bejn l-awtoritajiet kompetenti u tissemplifika u taċċellera l-proċeduri ta' rikonossiment;

Or. it

Emenda 35
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4d. Jixtieq li kull Stat Membru jistabilixxi punt ta' aċċess on-line li jkun fih tagħrif sħiħ u permanentement aġġornat dwar l-ismijiet tal-awtoritajiet kompetenti u d-dokumentazzjoni rikjesta għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-professjonisti tas-saħħa, ħalli tali professjonisti jkunu jistgħu jikkompletaw on-line b'ħeffa l-proċeduri meħtieġa għalbiex il-kwalifiki professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti;

Or. it

Emenda 36
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjonali għal infermiera u qwiebel;

5. Jitlob li jsir rieżami li jkun jolqot it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjonali għal infermiera u qwiebel ***u li r-rekwiżiti ta' taħriġ minimu jkunu adattati biex jissodisfaw ħtiġiet kumplessi ta' kura tas-saħħa;***

Or. it

Emenda 37
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjonali għal infermiera u qwiebel;

Emenda

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu t-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjonali għal infermiera u qwiebel;

Or. en

Emenda 38
Linda McAvan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjonali għal infermiera u qwiebel;

Emenda

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjonali għal infermiera u qwiebel; ***b'danakollu jemmen li ż-żmien utilizzat fit-taħriġ mhux fih innisfu garanzija biżżejjed għall-idoneità għall-eżerċizzju, u ż-żmien imqatta' fl-eżerċizzju għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni;***

Or. en

Emenda 39
Christa Klauß

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

5a. Jitlob lill-Istati Membri jtejbu u jaġġornaw it-taħriġ professjonali għall-infermiera u l-qwiebel fl-Ewropa kollha u jiżviluppaw rekwiżiti bażiċi komuni għall-korsijiet tat-taħriġ;

Or. de

Emenda 40
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5 b. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-importanza tal-eżiti standardizzati tat-tagħlim u tal-kompetenzi kliniċi meta twaqqaf rekwiżiti minimi ta' taħriġ;

Or. en

Emenda 41
Rovana Plumb

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5c. Jisħaq dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri jorganizzaw skambji ta' Prattiki tajbin bl-iskop li jiggwarantixxu l-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mogħtijin lill-pazjenti;

Or. ro

Emenda 42
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'attenzjoni estrema l-estensjoni tar-rikonoxximent parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, bil-għan li tevita

6. Iqis li l-estensjoni tal-aċċess parzjali u tar-rikonoxximent parzjali tat-taħriġ ma għandhiex tapplika għall-professjonijiet regolati b'implikazzjoni ta' saħħa u

sitwazzjonijiet li diffiċilment jistgħu jkunu ġestiti fil-livell tal-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini;

sikurezza ħalli jkun żgurat li l-protezzjoni taċ-ċittadini ma tisfax kompromessa;

Or. en

Emenda 43
Linda McAvan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'attenzjoni estrema l-estensjoni tar-rikonoxximent parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, ***bil-għan li tevita sitwazzjonijiet li diffiċilment jistgħu jkunu ġestiti fil-livell tal-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini;***

Emenda

6. Għandu riżervi dwar l-estensjoni tar-rikonoxximent parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, ***minħabb fi tħassib dwar il-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini;***

Or. en

Emenda 44
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'attenzjoni estrema l-estensjoni ***tar-rikonoxximent*** parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, bil-għan li tevita sitwazzjonijiet li ***diffiċilment jistgħu jkunu ġestiti fil-livell tal-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini;***

Emenda

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea *tipprevjeni* l-estensjoni ***tal-aċċess*** parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, bil-għan li tevita sitwazzjonijiet li ***jimminaw is-sikurezza tal-pazjenti u s-saħħa taċ-ċittadini;***

Or. en

Emenda 45
Christa Klaß

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jistieden ***lill-Kummissjoni Ewropea tqis*** b'attenzjoni estrema l-estensjoni tar-rikonoxximent parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, bil-għan li ***tevit*** sitwazzjonijiet li diffiċilment jistgħu jkunu ġestiti fil-livell tal-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini;

Emenda

6. Jistieden ***lill-Istati Membri jqisu*** b'attenzjoni estrema l-estensjoni tar-rikonoxximent parzjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħa, bil-għan li ***jevitaw*** sitwazzjonijiet li diffiċilment jistgħu jkunu ġestiti fil-livell tal-ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini;

Or. de

Emenda 46
Christa Klaß

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda 47
Christa Klaß

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

*jkun speċifiku u mmirat fl-oqsma fejn
hemm nuqqas ta' taħriġ għandu jkun
biżżejjed ħalli jippermetti li dak li jkun
jitqies bħala kwalifikat ġeneralment fi
Stat Membru ieħor;*

Or. de

Emenda 48
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

*6 c. Jirrikonoxxi li għall-fini ta'
protezzjoni ta' saħħet il-pubbliku u għas-
sikurezza tal-pazjenti, ma għandux
jġinghata rikonoxximent parzjali lil
professjonisti tal-kura tas-saħħa li t-
taħriġ tagħhom ma jkunx jimmerita
riconoxximent sħiħ;*

Or. en

Emenda 49
Elena Oana Antonescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

*6d. Jisħaq dwar il-ħtieġa li jaġġorna s-sett
kurrenti ta' standards minimi ta' taħriġ
professjonali inlinja mal-progress
xjentifiku u tekniku;*

Or. ro

Emenda 50
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 e (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6 e. Jitlob li jkun hemm aktar kjarifiki u gwida dwar il-ġhoti ta' servizzi fuq bażi temporanja jew okkażjonali; jagħraf li l-awtoritajiet kompetenti jiffaċċjaw id-diffikultajiet fl-applikazzjoni tar-reġim eżistenti;

Or. en

Emenda 51
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Iqis li **għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti** għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa.

7. Iqis li ***l-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibilità jivverifikaw il-kompetenza lingwistika, inkluża dik tal-lingwaġġ tekniku xjentifiku***, għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa;

Or. en

Emenda 52
Rolandas Paksas

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet

speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa.

speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa ***u tad-dħul f'kuntatt dirett mal-pazjenti.***

Or. It

Emenda 53
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa.

Emenda

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa. ***iqis li l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti għandha, qabel ma lill-applikanti tagħtihom l-awtorizzazzjoni li jeżerċitaw professjoni tal-kura tas-saħħa, tagħmel arranġamenti għal testijiet lingwistiċi ħalli tivverifika li tabilħaqq għandhom għarfien approfondit tal-ilsien tal-Istat Membru ospitanti;***

Or. it

Emenda 54
Linda McAvan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa.

Emenda

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa, ***u jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika r-rwoli rispettivi ta' min iħaddem u tar-regolaturi fit-testjar tal-kompetenzi lingwistiċi;***

Emenda 55
Françoise Grossetête

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa.

Emenda

7. Iqis li għandu jiġi verifikat – **matul il-proċedura għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, aktar milli aktar tard** – l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħa.

Or. fr

Emenda 56
Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 a. Jisħaq li l-innovazzjoni veloċi u kulma jmur tikber fl-ambjent xjentifiku u fl-industrija, teħtieġ attitudni aperta minnaħa tal-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali ħalli jinkisbu ħiliet, kwalifiki u studji akkademiċi ġodda u ħalli jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien u tal-innovazzjoni. Għalhekk, hu neċessarju li l-UE u l-Istati Membri jiffaċilitaw it-tagħlim tul il-ħajja għall-professjonisti u l-uffiċjali li jaħdmu fl-ekoindustrija jew setturi ambjentali, billi dan isaħħaħ il-kapaċità ta' takeover u l-implementazzjoni tal-iżviluppi xjentifiċi jew tekniċi.

Or. en

Emenda 57
Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 b. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jiġġestixxu t-testjar lingwistiku tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u għandhom jiddelegaw it-twettiq tal-verifiki lil awtorità kompetenti;

Or. en

Emenda 58
Antonya Parvanova

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 c. Jindika li l-pazjenti u l-pubbliku jeħtieġu assigurazzjonijiet aħjar li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jibbenefikaw mir-rikonoxximent żammew ħiliethom u gharfienhom aġġornati, kif preskritt fil-leġiżlazzjonijiet u rekwiżiti nazzjonali tal-Istati Membri fejn ikunu qed ifittxu li jiġu rikonoxxuti

Or. en

Emenda 59
Mario Pirillo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7d. Iqis li l-għoti ta' servizzi temporanji u/jew okkażjonali joħloq il-problemi għall-awtoritajiet kompetenti f'termini ta' implementazzjoni tar-reġim temporanju; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tikkjarifika l-kwestjonijiet ħalli tipprevjeni t-twaqqif temporanju milli jsir mezz ta' kif jiġu evitati l-proċeduri komplessi skont is-sistema ġenerali.

Or. it

Emenda 60

Marina Yannakoudakis

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7 e (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 e. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu r-reġim eżistenti għaċ-ċittadini taż-ŻEE u nazzjonali ta' pajjiżi terzi, bi kwalifiki ta' pajjiżi terzi, ħalli jiżguraw li s-sikurezza tal-pazjenti u s-saħħa tal-pubbliku ma jkunux kompromessi;

Or. en

Emenda 61

Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7 e (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 f. Jindika li l-evoluzzjoni rapida tal-produzzjoni industrijali, u l-ħtiġiet ta' għarfien imqanqla mix-xjenza, wasslu li

jfiġġu titoli akkademiċi ġodda jew kwalifiki li ma kinux jeżistu f'ħafna pajjiżi Ewropej; Għalhekk, iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jirrikonoxxu t-titli akkademiċi wkoll jekk titlu simili ma jkunx jeżisti f'pajjiżhom. B'riżultat ta' dan, il-professjonisti li jġibu għarfien u esperjenza ġodda jistgħu jiswew ta' muturi tal-bidla u tiġdid fl-industrija.

Or. en

Emenda 62
Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 g (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 g. Jindika li l-iżvilupp tal-e-saħħa u l-iżvilupp ta' sistema ta' kura tas-saħħa mill-bogħod, jeħtieġu li wara t-taħriġ tagħhom, l-infermieri u t-tobba jkunu f'qagħda li jistgħu jagħtu kura lil pazjenti b'nazzjonalitajiet differenti. Għalhekk, ikun neċessarju li jkun hemm il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn iċ-ċentri ta' taħriġ, l-isptarijiet u l-universitajiet fil-pajjiżi differenti għall-professjonisti u l-gradwati li jkunu qed jagħtu l-kura lill-pazjenti b'dawn l-istrumenti.

Or. en

Emenda 63
Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 h (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 h. Jindika illi għad li l-Att dwar is-Suq Uniku jitolb li jkun hemm rieżami tal-kamp tal-professjonijiet regolati, fis-settur tal-kura tas-saħħa huwa neċessarju li tkun żgurata s-sikurezza tal-pazjent permezz ta' regolamentazzjoni ċara tal-ħiliet, il-ħtiġiet tat-taħriġ u r-responsabilitajiet. F'dan is-sens, għandu jkun possibbli li l-professjonijiet li huma rikonoxxuti f'pajjiżi oħrajn, bħalma huma l-kiropratika jew l-agopuntura jkunu inklużi fl-elenku tat-titli u l-kwalifiki professjonali tad-Direttiva, ħalli jistagħnew is-servizzi offruti lill-pazjenti u jkun żgurat il-kontroll pubbliku fl-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet.

Or. en

Emenda 64
Cristina Gutiérrez-Cortines

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 i (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7 i. Jirrikonoxxi l-benefiċċji possibbli tal-introduzzjoni tal-Karta Professjonali Ewropea f'termini ta' aċċellerazzjoni u semplifikazzjoni tal-proċedura ta' rikonoxximent (kif ikkontemplata fil-premessa 32 tad-Direttiva 2005/36/KE); f'dan is-sens, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tista' tiffaċilita kooperazzjoni eħfef bejn l-Istat Membru emittenti (li jkun l-Istat li minnu telaq il-professjonista) u l-Istat Membru riċeventi (il-pajjiż fejn il-professjonista qiegħed ifittex li jstabilixxi ruħu);

Or. en